**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Diicembru 2024**

Rikors Numru: 337/24 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), u dana skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala DOK A;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Paul Degiorgio datat disgha (9) ta' Awiss tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) (DOK B);

3. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u l-att tas-separazzjoni ged jigi osservat flintier tieghu;
4. Illi li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal iktar minn sena kif ukoll dahlu frelazzjonijiet godda,
5. Illi l-esponenti ma tarax li hem xi prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni;
6. Illi b'hekk ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bein il-partilet:
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk dan igi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht kull provediment xieraq u opportun li din il-Qorti joghgobha taghti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Awwissu 2024;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwieġeb li m’għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Awwissu 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.